MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1069/2001/1

**Citaz Nru: 1069/01 JA.**

**Pawlu Galea.**

**-vs-**

**Carmelo Agius.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fl-14 ta' Gunju, 2001, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti jiddetjenu b' titolu ta' qbiela ir-raba maghruf bhala Wied Markozz, Gnien l-Imtahleb, limiti tar-Rabat;
Illi l-konvenut qabad u nehha kanna ta' l-ilma li kienet qed tferra go gibja appartenenti lill-attur, li hemm biswit l-ghelieqi tal-kontendenti, u dan minghajr ebda dritt;

Illi minn din il-kanna, jittiehed l-ilma sabiex jissaqqu l-prodotti tal-istess kontendenti u xi bdiewa ohra li ghandhom l-ghelieqi taghhom biswit din il-kanna;

Illi huma l-kontendenti u zewg  bdiewa ohar u/jew id-dipendenti taghhom li jaghmlu uzu biss minn din il-kanna;

Illi din il-kanna hija wahda twila hafna, hija maqsuma f' diversi bicciet marbuta bi “clips” li jinqalghu sabiex b' hekk il-bidwi in kwistjoni jkun jista jaqla l-kanna u jferra l-ilma ghal go l-ghalqa jew giebja tieghu;

Illi l-ilma minn din il-kanna jinqasam in kwantu mit-Tnejn filghaxija sa l-Erbgha filghaxija ta' kull gimgha mill-konvenut Agius u r-rimanenti granet dan l-ilma jintuza mill-attur u bdiewa ohra fil-vicinanzi;

Illi sabiex l-attur ma' jkunx jista jaqla l-clip li hemm biswit l-ghalqa tieghu halli jkun jista jferra l-ilma fil-gibja li ghandu fil-granet li jmissu lilu sabiex jiehu l-ilma, l-konvenut qabad u rabghat dawn il-kannen b' katina hoxna u b' hekk meta jitnehhew il-clips, din il-kanna ma tkunx tista ticcaqlaq halli johrog l-ilma minnha ghal ghalqa in kwistjoni;

Illi aktar recentement, l-konvenut nehha, jew qabbad lil min inehhi dawn il-kannen u issostitwihom b' pipe wiehed tal-plastic jew materjal iehor simili biex b' hekk l-attur kompla jigi spoljat mid-drittijiet tieghu;

Illi l-attur ghandu dritt li jimla l-gibja tieghu bl-ilma li jghaddi minn din il-kanna u ilu jaghmel uzu minn din il-kanna, qabel ma tnehhiet, ghal aktar minn ghoxrin sena;

Illi minkejja interpellat l-konvenut xota baqa jippersisti f' dan l-agir tieghu;

Illi minhabba dan l-agir tal-konvenut, l-attur qed isofri u ser jsofri danni irreparabbli billi ma jistax jsaqqu l-ucuh tar-raba tieghu fil-vicinanzi mill-ilma li jghaddi minn din il-kanna.

Ghalhekk l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. TIDDIKKJARA u TIDDECIEDI illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti fil-konfront ta' l-attur.

2. TIKKUNDANNA lill-konvenut jirrientegra lill-attur fid-drittijiet kollha tieghu, inkluz il-pussess ta' l-ilma li jghaddi mill-kanen imnehhija mill-konvenut, liema ilma l-attur kien juzah sabiex jsaqqi l-ucuh tar-raba tieghu f' dawn l-inhawi.

3. TIKKUNDANNAH u TORDNA lill-konvenut jnehhi l-pipe tal-plastic jew ta' materjal simili iehor li huwa ghamel minghajr l-awtorizzazzjoni tal-attur u jew bdiewa ohra f' dawk l-inhawi u jerga jaghmel dak tal-hadid li kien hemm qabel oltre li TIKKUNDANNA u TORDNA lill-konvenut sabiex jnehhi l-ktajjen li saru mal-kanna tal-ilma biex b' hekk l-attur jera jigi re-integrat fil-pussess kollu li kellu originarjament.

4. TIFFISSA terminu qasir u perentorju sabiex isiru x-xogholijiet necessarji ghall-finijiet tad-domanda numru 3, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

5. F' kaz illi t-terminu stabbilit jghaddi inutilment, taowtorizza lill-atturi jattwaw l-istess xogholijiet a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngurnt sabiex jidher ghas-subizzjoni u b' riserva ta' kull azzjoni ohra, kriminali u civili spettanti lill-attur skond il-ligi u senjatament dik ghad-danni.

Rat li l-konvenut naqas li jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta' l-attur prezentata fit-28 ta' mejju, 2002 li permezz taghha ceda l-mertu tal-kawza, izda zamm ferm il-Kap ta' l-ispejjez.

Rat il-verbali;

Semghet ix-xhieda u rat l-affidavits prezentati mill-attur.

Billi t-talba ta' l-attur giet pruvata u jidher car li gie indott jiftah
il-kawza minhabba l-agir tal-konvenut.

**Tilqa t-talba** attrici kif ridotta u **tikundanna** lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza lill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------